# Mill-Viżta ta' l-Isqof Lorenzo Astiria fil-Qrendi

minn Lorenzo Zahra

Dan l-isqof li għamel żjarat fil-parroċċi tagħna, fis-sena 1671, żar il-parroċċa tal-Qrendi.

Fil-kitba dwar din il-viżta l-ewwel żar il-knejjes li kienu fir-raħal tal-Qrendi. Huwa beda biex żar il-knisja tal-Madonna tal-Ħniena li dwarha jagħtina tagħrif dwar kemm kienet miżmuma kif jixraq u li kellha l-bżonnijiet meħtieġa għas-servizzi reliġjużi.



*Il-knisja magħrufa ta' Santa Veneranda. Illum insibuha knisja ta' Sant'Anna.*

Imbagħad żar il-knisja ta' Santa Veneranda li kellha l-artal tal-ġebel u li fiha kull nhar ta' Ħadd kien isir il-quddies u fil-festa kienet tiġi ċċelebrata l-qaddisa. Knisja oħra li żar kienet dik ta' San Mattew li wkoll kellha l-bżonnijiet kollha meħtieġa. Kien hemm knejjes oħra; dik tal-Madonna tal-Grazzja li kien jieħu ħsiebha Anġlu Spiteri knisja oħra tas-SS. Salvatur u oħra ta' Santa Katarina V.M. Fiż-żjara tiegħu lejn il-parroċċa huwa bħas-soltu jara l-fonti tal-magħmudija u ż-żjut użati fis-sagramenti u wara li ra l-artal titulari u dak tal-maġġur isemmi l-artal tar-Rużarju fejn kien hemm fratellanza tieħu ħsiebu. Kien hemm artal ieħor ta' l-Ispirtu s-Santu, ieħor ta' San Ġużepp, ieħor ta' San Ġwanni Battista u San Pawl Missierna.

L-isqof isemmi xi ħwejjeġ li kellha din il-parroċċa kif ukoll l-obbligi u jispiċċa biex jara lill-qassisin u jsaqsihom meta kienu ordnati saċerdoti. Qassisin kienu Dun Rużar; Dun Franġisk ordnat fis-sena 1669; Dun Beneditt Camilleri fl-1638; Dun Ġużepp Farrugia fl-1655 u Dun Fabio Curmi fl-1669.

B'dan it-tagħrif fil-qosor wieħed jieħu idea tar-raħal tal-Qrendi f'dik l-epoka.




JERRY'S Silencer Repairs

Teddy's Garage,
Siġġiewi Road,
Mqabba.

Tel: 2164 0750
Mob: 9944 9237

CO2 WELDING

For Welding and Silencer Repairs